MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 424/2009

**Vodafone Malta Limited**
**(C – 10865)**

**vs**

**Mario Sant**
**(I.D. 388977M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' mitejn u sebgha u sittin ewro u disa' centezmi (€267.09), in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 79928583.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa' inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-ittra ufficjali numerata 5031/08, u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-

data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u sebgha u sittin ewro u disa’ centezmi (€267.09), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------